**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 501/2020**
**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Stacy Attard)**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**-Vs-**

**ACHILLE COLEIRO**

**Illum, 15 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat li **ACHILLE COLEIRO**, ta' 33 sena, bin Joseph u Maria Anna nee' Bugeja imeieled Pieta' fl-23 ta' Lulju 1987, resident fi Blk D, Flt 4, Triq is-Sewwieqa, Hamrun u detentur tal-karta tl-identita' numbru 332887M, tressaq akkużat talli nhar it-28 ta' Settembru 2020 bejn 20:40hrs u 21:30hrs u/jew hinijiet ta' qabel, gewwa Triq is-Sewwieqa, Hamrun, u/jew f'dawn il-gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghall-eks siehba tieghu, u cioe' omm uliedu, certu Maria Agius, detentrici

tal-karta tal-identita' bin-numru 659990M kif ukoll hebb ghal Daniel Cassar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 214693M u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa, skont kif icceritifika Dr. Gabriel Gauci Med. Reg. 4590 tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. Aktar talli ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imsemmija Mariai Agius u Daniel Cassar, jew ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Aktar talli fl-istess, dati, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

4. Aktar talli uza vjolenza, inkluza vjolenza morali, u, jew psikoligika, u/jew sfurzar, sabiex igieghel liul Maria Agius u Daniel Cassar jaghmlu, ihalli ssir, jew jonqos miklli jaghmel, xi haga jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jizola tali persuna jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg;

5. Ukoll talli volontarjament qal kliem oxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

6. Aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi msemmijin, bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-eks siehba tieghu Maria Agius, kif ukoll lil Daniel Cassar biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi had mill-axxenenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi perssuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti gentilment ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Maria Agius, kif ukoll ta’ Daniel Cassar jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-skop tal-protezzjoni tal-persuna msemmiaj minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vkolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluoba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati tal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2023;

Ikkunsidrat;

Dawn l-akkużi nħarġu fir-rigward ta’ inċident li seħħ fit-28 ta’ Settembru 2020 li fih kienu involuti l-imputat u l-kwerelanti Maria Agius u Daniel Cassar, kif ukoll missier u ħu l-imputat, Joseph Coleiro u Clayton Coleiro.

**Maria Agius**, fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, spjegat illi hija kellha relazzjoni għal ċirka seba’ snin mal-imputat u għandhom tliet itfal minuri. Fil-ġurnata li seħħ l-

inċident in diżamina, li kien nhar it-Tnejn, l-imputat ikkomunika magħha għaliex ried jiġi għandha - fejn kien għad kellu xi ħwejjeġ - biex jiġbor libsa għaliex kellu l-Qorti l-għada. Iktar tard l-imputat ġie quddiem id-dar tagħha mal-Pulizija biex jiġbor il-ħwejjeġ, fejn hi lestietlu kollox u bagħtithomlu isfel bil-lift. Wara xi nofs siegħa, l-imputat kien ċemplilha u qalilha "*niskarnalek għonqok lilek u lil Daniel*" u peress li t-tfal dak il-ħin kienu għand l-imputat, hija ddeċidiet illi minħabba dan il-kliem, ma kienx xieraq li t-tfal jibqgħu mal-imputat u qaltlu li kienet ġejja għandu biex tiġborhom.

Marret flimkien mas-sieħeb tagħha, Daniel Cassar, quddiem ir-residenza tal-imputat il-Ħamrun u kif waslu fuq il-post għall-ħabta tat-8.30 p.m., hija tara lill-imputat, ħuh u missieru kif ukoll lill-mara ta' ħuh barra, fejn l-imputat kellu ħadida f'idejh. Maria Agius xehdet illi hekk kif ħarġet mill-karozza biex tmur tkellem lill-imputat minħabba t-tfal, l-imputat beda jagħtiha bil-ħadida u x'ħin Daniel Cassar ra hekk, niżel mill-karozza izda l-imputat beda jagħtih ukoll bil-ħadida u weġġagħlu idejh. Lilha weġġagħlha daharha, kellha tbenġil f'daharha u għamlet jumejn fis-sodda.

Xehdet ukoll dwar episodji fejn l-imputat kien vjolenti mat-tfal, kif ukoll dwar inċident li seħħ f'Marzu fejn l-imputat qabadha minn għonqha u sabbatha mal-art, u inċident ieħor li seħħ meta kienet tqila fejn taha daqqa ta' sieq f'żaqqha. Qalet ukoll li l-imputat kien bagħtilha messaġġ madwar xaharejn qabel fejn ukoll kien qalilha li ser jiskarnalha għonqha.

**Daniel Cassar** xehed illi hu kien preżenti meta Maria Agius irċeviet telefonata mingħand l-imputat fejn qalilha li ser iħanxrilha għonqha u daħħal lilu wkoll fl-istorja. Sema' lil Maria tgħid lill-imputat li kienet ġejja biex tiġbor it-tfal u l-imputat wieġeb li t-tfal tista' tinsihom. Flimkien niżlu għat-tfal il-Ħamrun u meta waslu quddiem ir-residenza tal-imputat, sabu lill-imputat, ħuh, missieru u t-tfajla ta' ħuh barra, fejn Maria niżlet minn ġol-karozza. Hemmhekk ra lill-imputat b'ħadida f'idejh jolqot lil Maria f'daharha bil-ħadida u għalhekk, huwa niżel mill-karozza biex jaqbeż għaliha, fejn l-imputat beda jolqot lilu wkoll f'idejh kull darba li pprova jersaq lejh. Anke ħu

l-imputat ġie biex jaqbad itih filwaqt li l-oħrajn kienu qed jargumentaw magħhom. Daniel Cassar xehed illi huwa sofra tbenġil minn ġewwa minħabba f'dawn id-daqqiet. Ikkonferma wkoll illi madwar ġimgħatejn qabel dan l-inċident, l-imputat stiednu biex jiġġieled miegħu.

Meta xehed in kontro-eżami, Daniel Cassar stqarr li meta Maria Agius kienet fuq it-telefon mal-imputat, hu semgħu jgħid "*u ġib lil tiegħek ħa naqtalu rasu*". Imbagħad, ġimgħa qabel l-inċident tal-Ħamrun, mar ifittex lill-imputat għaliex qal li l-imputat ried jiġġieled u meta rah għaddej fit-triq bil-karozza, qallu biex jieqaf iżda l-imputat ma waqafx u għalhekk huwa saq għal warajh sa Ħal Qormi fejn l-imputat beda jiġbidlu video.

**L-imputat, Achille Coleiro**, fl-istqarrija li huwa rrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fid-29 ta' Settembru 2020, qal li huwa kien mar flimkien ma' missieru, bl-assistenza ta' tliet uffiċjali tal-Pulizija, biex jiġbor ħwejġu mingħand Maria Agius fit-28 ta' Settembru 2020. Kif telaq minn għandha, ċemplilha fejn hi qabdet toffendih u sema' wkoll lis-sieħeb tagħha Daniel Cassar jgħid ħafna paroli u jipprovokah u qalilha biex tgħidlu ma jindaħalx, u hemmhekk qata'. Bdew iċemplulu iżda ma weġibhomx u meta wasal il-Ħamrun, ċempillu missier Maria u staqsieh għaliex kien offenda lil Maria. Imbagħad, kif qata' minn miegħu reġa' ċempel in-numru ta' Maria iżda meta wieġeb, kien Daniel Cassar fejn qallu "*Igħidli fejn qiegħed ... ħa ngħidlek min hu bully*". Meta qallu li qiegħed il-Ħamrun, Daniel qallu "*oqgħodli hemmhekk u tiċċaqlaqx minn hemmhekk ħa niġi u nifqgħak*" fejn hu qallu "*ejja jekk trid tiġi*". L-imputat stqarr li huwa qal dan id-diskors fil-presenza ta' żewġ Pulizija ta' Tas-Sliema li kif wasal id-dar, sabhom jistennewh biex jinnotifikawh għall-kawża li kellu l-Qorti l-għada, u kienu semgħu dak kollu li kien qal Daniel għaliex kien poġġa t-telefon fuq speaker. Hu talabhom jibqgħu hemmhekk għaliex Daniel kien ġej għall-ġlied iżda ż-żewġ Pulizija kellhom jitilqu għaliex kien seħħ inċident fuq il-*flyover*. Għalhekk missieru kien ċempel lill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u qalilhom li kellhom bżonn assistenza urġenti peress li kienu qed jiġu mhedda minn Daniel Cassar.

L-imputat stqarr illi kif ħatt l-aħħar borża mill-karozza u kien ħiereġ mill-entrata tad-dar, daħal Daniel Cassar sparat bil-karozza, żamm brake u niżel flimkien ma' Maria Agius mill-karozza u rahom sejrin fuq missieru. Huma waslu qabel il-Pulizija mill-Għassa tal-Ħamrun. Meta ra hekk, l-imputat għaġġel il-pass, dar mal-karozza tiegħu u ġie quddiemhom, fejn Daniel Cassar sfidah għall-ġlied. Sadanittant, Maria Agius ġiet tagħtih f'wiċċu u tiġbidlu xagħaru biex taljenah ħalli Daniel jista' jagħtih. Dak il-ħin hu imbotta lil Maria u waqgħet fl-art filwaqt li Daniel dar biex jagħti lil missieru fejn missieru beda jgħidlu biex ma jmissux peress li kellu ferita fi spalltu. Kif ħeles minn Maria, l-imputat stqarr li mar għal Daniel u imbottah, fejn Daniel tah daqqa ta' ponn f'imnieħru u għalhekk beda jtih ukoll. Maria reġgħet ġiet tkompli tagħtih fejn imbagħad Daniel telaq lejn il-karozza u qallu li ser iġib lil missieru u lil razztu u ħa jkisser kull m'hemm bihom u telqu 'l hemm.

Kif telqu, waslu l-Pulizija tal-Ħamrun iżda kien tard wisq: hu kellu l-flokk imqatta' u wiċċu aħmar bid-daqqiet fejn il-Pulizija qallu biex jinżel jagħmel rapport l-Għassa u jġib ċertifikat mediku. Iżda hu ma riedx għaliex ried jerġa' jidħol id-dar fejn dak il-ħin kien hemm il-birthday party tat-tfal tiegħu.

L-imputat stqarr ukoll illi ħuh Clayton Coleiro u l-mara tiegħu Maria ġew għaliex kienu mistednin il-party tat-tfal tiegħu u ta' Maria, liema party kien organizzah huwa stess, iżda huma kienu waslu fuq il-post wara li waslu Maria u Daniel. L-imputat innega li huwa ħareġ ħadida jew pipe tal-ħadid mill-karozza tiegħu iżda stqarr li huwa kien qabad "xi ħaġa minn ħdejn l-iskips" iżda ma użaha fl-ebda ħin. Għalkemm kien ser jagħti biha għaliex dak il-ħin kien mifxul, reġa' telaqha ħdejn l-iskips u insista li lil Daniel hu kien tah b'idu iżda mhux b'xi ħadida.

Mistoqsi għaliex aggredixxa lil Daniel Cassar, l-imputat wieġeb illi kien Daniel Cassar innifsu li ġie għall-ġlied u heddu li kien ġej għalih biex jifqgħu u ġie wkoll biex jattakka lil missieru u għalhekk kellu jiddefendi lilu nnifsu kif ukoll lil missieru. Qal ukoll li huwa imbotta lil Maria biex iwarrabha min-nofs mhux għaliex marret

tferraq lil Daniel u missieru, iżda għaliex Daniel kien ser jattakka lil missieru waqt li kienet qiegħda tfixkel lilu.

**Dan kollu huwa in sostanza l-istess verżjoni li xehed dwarha l-imputat quddiem il-Qorti wara li għażel li jixhed**. Fix-xhieda tiegħu l-imputat żied jgħid illi meta Daniel u Maria waslu bil-karozza quddiem ir-residenza tiegħu, Daniel nizel mill-karozza għall-ġlied u mar dritt għal fuq missieru li għandu 73 sena, fejn ħuh, Clayton, mill-ewwel mar jiddefendi lil missierhom għaliex ma jistax jiġġieled. Ħuh imbotta lil Daniel minn fuq missieru u dak il-ħin il-glieda ngħaqdet u Daniel dar għal fuqu u beda jagħti lilu kif ukoll lil ħuh, filwaqt li Maria marret fuqu u hu imbottaha. Xehed illi Daniel Cassar tah daqqa ta' ponn u ċarratlu l-flokk, u hu tah daqqa ta' ponn lura u reġgħet ġiet Maria u hu reġa' imbottaha. Kif ġew biex jitilqu, Daniel Cassar qallu li ħa jmur iġib ir-razza "*ħa nkissru kull m'hawn*".

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat żied jispjega wkoll illi l-arranġament li kellu ma' Maria Agius fir-rigward tal-aċċess għal uliedu, kien li joqogħdu ġimgħa miegħu u ġimgħa ma' ommhom fejn l-iskambju jsir nhar ta' Erbgħa. Sostna għalhekk illi mhux minnu li kellu jirritorna t-tfal lil Maria dakinhar tal-ġlieda u ma kienx tahomlha. Qal ukoll li Maria kienet taf li dakinhar kien organizza festin tal-egħluq snin tat-tifel fir-residenza tiegħu.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll ta' missier l-imputat, Joseph Coleiro u ta' ħuh, Clayton Coleiro, it-tnejn xiehda okulari tal-inċident li seħħ fit-28 ta' Settembru 2020 ġewwa Triq is-Sewwieqa, Ħamrun, liema żewġ xiehda jikkorroboraw fis-sustanza l-verżjoni tal-imputat[1].

Ikkunsidrat;

[1] Għandu jingħad illi għalkemm PS 593 Raphael Attard Flores esebixxa CD kontenenti, allegatament, filmat tal-akkadut, dan il-filmat ma juri assolutament xejn mill-ġlieda in diżamina u ma jidher ħadd mill-allegati vittmi u x-xhieda, u lanqas l-imputat.

Ġie sottomess mill-abbli avukat difensur waqt it-trattazzjoni orali illi x-xhieda ta' Maria Agius u Daniel Cassar hija inammissibbli għaliex fiż-żmien meta huma xehdu quddiem din il-Qorti huma kienu tressqu quddiem il-Qorti mixlija in konnessjoni mal-istess fatti li dwarhom jinsab mixli l-imputat odjern. Id-difiża argumentat illi x-xhieda ta' Maria Agius u Daniel Cassar għandha tiġi skartata mill-Qorti stante illi huma kellhom jitqiesu bħala ko-akkużati u bħala tali, ma setgħux jinġiebu biex jixhdu dwar fatti li dwarhom jinsabu għaddejjin minn proċess kriminali.

Il-Qorti minnufih tqis illi dan l-argoment huwa bla siwi. Imkien fl-atti u l-provi proċesswali ma jirriżulta illi fiż-żmien meta huma xehdu bħala xhieda tal-Prosekuzzjoni, fit-3 ta' Novembru 2020, Maria Agius u Daniel Cassar kienu effettivament mixlijin b'reati marbutin mal-inċidenti tat-28 ta' Settembru 2020 u ħadd, lanqas id-difiża nnifisha, ma ġibed l-attenzjoni tal-Qorti dwar dan jew dwar il-fatt li kienu sejrin jew setgħu jinħarġu akkużi fil-konfront tagħhom, lanqas biex dawn ix-xhieda jingħataw twissija dwar il-jedd tagħhom għas-silenzju jew talanqas li ma jinkriminawx ruħhom. Għalkemm huwa minnu li meta xehdet in kontro-eżami **fl-1 ta' Diċembru 2021**, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Stacy Gatt ikkonfermat illi kienet ittieħdet azzjoni kriminali fil-konfront ta' Maria Agius u Daniel Cassar in konnessjoni mal-inċident tat-28 ta' Settembru 2020, dan ma jfissirx u ma jikkostitwixix prova illi meta huma kienu xehdu **fit-3 ta' Novembru 2020**, huma kienu soġġetti għal proċediment kriminali.

Fuq kollox, jekk hemm xi ħadd li seta' jilmenta dwar xi leżjoni jew ksur ta' drittijiet u b'hekk jinvoka d-dritt tagħhom kontra l-awto-inkriminazzjoni, huma x-xhieda nfushom li setgħu inkriminaw ruħhom, u ċertament mhux id-difiza. Kemm hu hekk, id-difiza nnifisha invokat dan id-dritt fir-rigward ta' missier l-imputat Joseph Coleiro, kif ukoll fir-rigward ta' ħuh Clayton Coleriro u ta' Maria Coleiro fis-seduta tal-25 ta' Frar 2021, meta dawn ix-xhieda kienu ġew imħarrkin biex jixhdu bħala xiehda tal-Prosekuzzjoni, għaliex dak iż-żmien kienu sejrin jitressqu quddiem il-Qorti mixlija dwar fatti marbutin mal-istess inċident tat-28 ta' Settembru 2020.

Iżda safejn għandhom x'jaqsmu Daniel Cassar u Maria Agius, il-Qorti ma riskontrat assolutament xejn fl-atti proċesswali li tista' twassalha għall-konklużjoni illi dawn ix-xhieda kienu mqar suspettati fiż-żmien meta xehdu f'dawn il-proċeduri bħala xiehda tal-Prosekuzzjoni, u minn eżami tar-rapport tal-okkorrenza li xehed dwaru PS 593 Raphael Attard Flores (Dok. SA7[2]), ma jirriżultax illi huma kienu qegħdin jitqiesu mill-Pulizija bħala persuni suspettati dak iż-żmien. Fil-fatt, ma jirriżultax mill-provi proċesswali f'liema stadju huma ġew mitkellma mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi rapport li ghamel l-imputat fir-rigward tal-inċident in diżamina u ma jirriżultax lanqas li qabel ġew hekk mitkellma, huma ngħataw id-dritt tas-silenzju u jew id-dritt legali tagħhom għal assistenza legali.

Jekk il-Qorti għal mument kella taċċetta l-argoment tad-difiża u tqis bħala inammissibbli ix-xhieda ta' Maria Agius u Daniel Cassar, hija biss id-depożizzjoni tagħhom in kontro-eżami li tista' tkun milquta: dan qed jingħad għaliex hemm prova li fil-31 ta' Jannar 2022 kienu diġa' nbeda l-proċediment kriminali fil-konfront tagħhom in konnessjoni mal-inċident li dwaru l-imputat odjern huwa mixli (ara xhieda tal-Ispettur Stacy Attard in kontro-eżami fil-1 ta' Diċembru 2021).

Iżda f'kull każ, huwa diffiċli għall-Qorti taċċetta s-siwi tal-preġudizzjali sollevata mid-difiza fir-rigward tal-inammissibbilita' tax-xhieda ta' Maria Agius u Daniel Cassar, meta kienet id-difiża stess - pjenament konxja li x-xhieda issa kienu effettivament għaddejjin minn proċediment kriminali akkużati in konnessjoni mal-istess fatti mertu tal-proċediment odjern fejn għalhekk kellhom jitqiesu bħala ko-akkużati u konsegwentement ma kienux kompetenti biex jixhdu f'dan il-proċediment - seħjitilhom għall-kontro-eżami.

Il-Qorti tqis illi fi kwalsiasi każ, l-effett jew il-korollarju tal-fatt illi Maria Agius u Daniel Cassar xehdu meta huma kienu persuni akkużati b'reati in konnessjoni mal-istess fatti li jinsab akkużat dwarhom l-imputat odjern, m'huwiex l-inammissibbilita' tax-xhieda bħala prova, kif sottomess mid-difiża, iżda n-nuqqas ta' effikaċja ta' din ix-

[2] Paġna 30 *et seq.* tal-atti proċesswali. Xhieda tl-14 ta' Jannar 2021.

xhieda li tagħmel stat fil-konfront tal-ko akkużat, f'dan il-każ Achille Colerio, l-imputat odjern. Fil-fatt, dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor m'huwiex inammissibbli bħala prova fil-proċess, bħallikieku hemm xi *exclusionary rule of evidence* jew regola ta' proċedura li tipprojibixxi l-produzzjoni ta' xhieda bħal din. Minflok, dak li jgħid ko-akkużat ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha.

Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. Għalhekk, dak li jgħid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika ko-akkużat ieħor[3].

In tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[4].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

[3] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.
[4] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

*”... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta’ ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens* ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri*** *Qorti Kriminali, 18 ta’ Jannar, 1927;* ***Il-Pulizija v. Toni Pisani*** *Appell Kriminali, 11 ta’ Novembru, 1944;* ***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella*** *Qorti Kriminali, 3 ta’ Dicembru, 1947;* ***The Police v. Alfred W. Luck et.*** *Appell 3 Kriminali, 25 ta’ April, 1949;* ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Faustino Barbara*** *Appell Kriminali, 19 ta’ Jannar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et****. Appell Kriminali, 2 ta’ Frar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius*** *Appell Kriminali, 11 ta’ Lulju, 1997; u passim* ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Zammit et.*** *Appell Kriminali, 31 ta’ Lulju, 1998).”*

Għalhekk, bl-applikazzjoni ta’ dan il-prinċipju, dak li stqarru Maria Agius u Daniel Cassar meta xehdu in kontro-eżami mhux sejjer jgħodd bħala prova għall-fini li jiġi stabbilit il-ħtija o meno tal-imputat odjern għar-reati li jinsab mixli bihom f’dan il-proċediment, u dan għaliex din ix-xhieda ingħatat f’waqt meta huma kienu akkużati fi proċeduri kriminali separati, b’reati konnessi mal-istess fatti tal-każ odjern u għalhekk ma tistax la tippreġudika u lanqas tiffavorixxi lill-imputat ko-akkużat.

Ikkunsidrat;

Hu ovvju li bejn Daniel Cassar u l-imputat jeżisti retroxxena ta’ antagoniżmu qawwi x’aktarx ixprunat mill-fatt li Daniel Cassar beda relazzjoni ma’ Maria Agius biss ftit taż-żmien wara li r-relazzjoni bejnha u l-imputat kienet intemmet u kien jindaħal fil-kwistjonijiet bejn l-imputat u Maria Agius: komportament li kien jurta ħafna lill-imputat.

F'dan il-każ jeħtieġ li jsir evalwazzjoni tax-xhieda għaliex il-kwistjoni tal-ħtija o meno tal-imputat tistrieħ fuq id-determinazzjoni dwar liema verżjoni, bejn dik tal-allegati vittmi fuq naħa l-waħda u tal-imputat u x-xiehda in difeża fuq in-naħa l-oħra, għandhiex mis-sewwa.

Meta l-Qorti tiġi biex tevalwa x-xhieda u tkejjel il-kredibbilita' tax-xiehda li xehdu u tiddeċiedi liema verżjoni, fost il-verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, għandha mis-sewwa, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[6] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

---

[5] Deċiża 9 ta' Lulju 2003.
[6] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Applikat dawn il-prinċipji għax-xhieda li semgħet, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Filwaqt li x-xhieda ta' missier l-imputat u ta' ħuh trid tittieħed b'ċertu ċirkospezzjoni minħabba dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 633 tal-Kap. 9, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ma tistax tinjora l-konsistenza bejn il-verżjoni tal-imputat u dik tax-xhieda in difeza, *multo magis* meta mqabbla mal-kontradizzjonijiet lampanti fil-verżjonijiet tal-kwerelati u fil-kuntrast bejn il-verżjoni kwerelata ta' Maria Agius u x-xhieda tagħha quddiem il-Qorti.

Fil-fatt tinnota inkonsistenza netta bejn (i) il-verżjoni li ġie rapportat minn Maria Agius lill-Pulizija, fil-parti fejn tiddeskrivi d-dinamika tal-inċident u l-manuvri tal-imputat, fejn qalet li l-imputat mar jaggredixxi lil Daniel Cassar bil-ħadida u hi marret biex tferraq u taqbeż għal Daniel, u (ii) x-xhieda tagħha quddiem il-Qorti fejn qalet li l-imputat ġie jsawwatha u kien Daniel Cassar li mar jiddefendiha. Jiġi osservat ukoll li l-verżjoni ta' Maria Agius fir-rapport tal-okkorrenza tikkozza mal-verżjoni rapportata minn Daniel Cassar fl-istess rapport fejn huwa qal li huwa ra li l-imputat jargomenta verbalment ma' Maria Agius waqt li kellu ħadida f'idejh, u ra lill-imputat imbottaha u tefagħha mal-art u taha daqqa ta' ħadida ġo daharha fejn kien hemmhekk li hu mar jaqbeż għaliha.

Għall-Qorti, il-fatt illi *a tempor vergine*, iż-żewġ allegati vittmi ma setgħux jaqblu dwar id-dinamika tal-inċident u kkontradixxu lil xulxin, ma jagħmel xejn biex jagħti

fejda lill-verżjoni ġuramentata tagħhom, liema verżjoni, meta titqiegħed fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi kollha li jirriżultaw mill-provi, ma tqisx li hija għal kollox verosimili u f'kull każ, meta mqabbla mal-verżjoni konsistenti tal-imputat u x-xiehda in difesa, ma tispirax biżżejjed affidabbilita' biex il-Qorti tistrieħ fuqha.

Maria Agius irrapportat illi sakemm kienet ħierġa mill-karozza, l-imputat mar fil-karozza tiegħu u ġab ħadida. Għalhekk, mhux verosimili dak li xehdu Daniel Cassar u l-istess Maria Agius quddiem il-Qorti illi kif waslu fuq il-post, l-imputat kellu ħadida lesta f'idejh u meta Daniel Cassar niżel mill-karozza, l-imputat kien diġa' laqat lil Maria Agius b' din il-ħadida f'daharha. Barra dan il-fatt illi għalkemm Maria Agius u Daniel Cassar it-tnejn xehdu li l-imputat ta daqqa bil-ħadida fuq dahar Maria, ma ġew riskontrati l-ebda ġrieħi fuq daharha u fiċ-ċertifikat mediku li xehed dwaru Dr. Gabriel Gauci, jinsab imniżżel illi l-pazzjent "*claims to have no further injuries*".

Il-Qorti fehmet tajjeb x'kien l-animu ta' Daniel Cassar meta mar il-Ħamrun u fuq kollox, tqis bħala dubjuża l-kredibilita' tiegħu u ta' Maria Agius dwar id-dinamika tal-kollutazjoni: hija ma temminx illi l-imputat spontanjament aggredixxa lil Maria Agius u lanqas temmen lil Daniel Cassar illi huwa mar jiddefendi lil Maria għaliex kienet qed tiġi imsawta mill-imputat. Wara li semgħet u qrat ix-xhieda, il-Qorti fehmet illi Daniel Cassar - għad li jista' jkun ħassu provokat mill-imputat meta, skont ma xehdet Maria Agius, waqt telefonata qalilha li "*ser jiskarnalhom għonqhom*" - kien evidentement akkanit biex jiġġieled mal-imputat u meta Maria Agius kellha xi tgħid mal-imputat fuq it-telefon fejn qalet li heddidha, u riedet tmur teħodlu t-tfal, huwa sab opportunita' tad-deheb biex jiżvoga l-aptit li kellu għall-ġlied. Għall-Qorti huwa ovvju li Daniel Cassar, li stqarr huwa stess li sema' lill-imputat jisfidah għall-ġlied fuq it-telefon, mar ma' Maria Agius biex jisfidah u jieħu s-sodifazzjon.

Hija attendibbli u ppruvata sodisfaċjentement il-verżjoni tal-imputat illi dakinhar huwa kien organizza festin fid-dar ta' ommu u missieru għal tnejn minn uliedu li jinzertaw jiċċelebraw egħluq sninhom biss b'ġimgħa differenza bejniethom, u kien proprju għal din ir-raġuni li waslu fuq il-post dak il-ħin tal-inċident, ħu l-imputat u l-

mara tiegħu. Fil-fatt, Maria Agius innifisha kkonfermat meta xehdet in kontro-eżami illi wieħed mit-tfal twieled fil-5 ta' Ottubru u l-ieħor fit-28 ta' Settembru, id-data meta seħħ dan l-inċident u stqarret ukoll li jista' jkun li dakinhar kien qed jiġi ċelebrat dan l-festin. Dan il-fatt iwassal lill-Qorti biex tagħti fejda wkoll lill-verżjoni tal-imputat u ta' missieru illi meta ġew quddiem ir-residenza tagħhom il-Ħamrun, Maria Agius u Daniel Cassar ma ġewx bil-kwiet biex jiġbru lit-tfal mingħand l-imputat[7] iżda marru għall-ġlied u temmen ukoll illi l-imputat, korroborat minn missiseru, kien qed jixhed is-sewwa meta qal li Daniel Cassar qallu li kien ġej għalih "*ħa niġi nifqagħak*". Fil-fatt, imkien mix-xhieda ma jirriżulta li f'xi waqt matul dan l-episodju, Maria Agius u jew Daniel Cassar ipprovaw jidħlu fir-residenza tal-imputat biex jiġbru t-tfal jew talbuh biex jagħtihom it-tfal qabel qabdu telqu minn fuq il-post.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li waqt din il-ġlieda li seħħet fit-28 ta' Settemru 2020, ikkaġuna ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' Maria Agius u ta' Daniel Cassar.

Id-difiża fit-trattazzjoni, eċċepiet il-leġittima difiza. Jekk allura kellu jirriżulta li l-imputat effettivament aġixxa għad-difiża tiegħu jew ta' ħaddieħor u l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża legittima kif invokat mill-imputat, jiġu ppruvati, ma jkun ġie kommess l-ebda reat kriminali kwalsiasi u l-imputat jinħeles minn kull ħtija kriminali għad-delitt li altrimenti jirriżulta ppruvat.

Illi kif inhuwa risaput, ir-*ratio legis* wara l-istitut tal-leġittima difiża huwa d-dritt għall-awto-tutela ta' persuna jew ta' persuna oħra b'tali mod illi anke qtil isir ġustifikat jekk l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża jiġu stabbiliti. Din id-difiża, li jeħtieg li tirriżulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, hija maħsuba fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

---

[7] Maria Agius in kontro-eżami xehdet illi dakinhar it-tfal kienu jmisshom imorru għandha – folio 108.

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi ohra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli, fejn ir-rejazzjoni trid tkun ukoll waħda proporzjonata ghall-minaccja/aggressjoni. Għas-suċċess ta' din id-difiża, dawn l-elementi jridu jirriżultaw għall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi.

Dawn it-tliet elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[8]:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u*

[8] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.

*mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. "*

In tema ġie ritenut ukoll, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Zachary Vella**[9]:-

"*... biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'*[10].

*Illi skont il-mibki* ***Professur Sir Anthony Mamo*** *sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha.*

……

*Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.*

Miżmum ferm ir-retroxxena ta' fatti li joħorġu mill-provi, kif ikkunsidrat qabel, u applikat dan l-insenjament, il-Qorti m'hijiex konvinta mill-verżjoni ta' Daniel Cassar li huwa niżel mill-vettura biex jiddefendi lil Maria Agius: il-Qorti temmen il-verżjoni tal-imputat, missieru u ħuh Clayton Coleiro li lkoll xehdu illi hekk kif Daniel Cassar

[9] Deciza 3 ta' Mejju 2019.

[10] **Il-Pulizija vs Anthony Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' April 2009.

niżel mill-karozza, mar minnufih fuq missier l-imputat – li kien ipprova jwaqqfu - biex jiġġieled, fejn Clayton Coleiro mar jiddefendih u imbuttah.

Speċifikatament, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sal-grad tal-probabbli li Daniel Cassar mar fuq il-post biex jiġġieled, tant illi missier l-imputat ipprova jwaqqfu u minn hemmhekk is-sitwazzjoni eskalat. Huwa raġjonevolment verosimili l-verżjoni li l-imputat ġie rinfaċċjat b'aggressjoni inġusta da parti ta' Daniel Cassar u Maria Cassar li mmanifestaw komportament ġelliedi minnufih li ħarġu mill-vettura tagħhom, b'għajjat, storbju u theddid, fejn Daniel Cassar l-ewwel mar jiġġieled ma' missier l-imputat u mbagħad beda jiġġieled mal-imputat u qabdu f'xulxin, meta fl-istess waqt Maria Agius kienet qed taggredih. L-imputat, korroborat minn missieru u minn ħuh, xehed ukoll li kif mar ħdejn missieru biex jiddefendih u imbotta lil Daniel Cassar, dan tal-aħħar tah daqqa ta' ponn u bdew jiġġieldu miegħu b'Maria Agius ittih f'siequ fejn huwa imbottaha u reġgħet marret għalih.

Il-Qorti hija sodisfatta wara li fliet l-istqarrija tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ġuramentata tiegħu, ta' missieru u ħuh, illi dawn ix-xhieda lkoll jaqblu *inter alia*, li Daniel Cassar l-ewwel mar jaffronta lil missier l-imputat u kien ser jaqbad jaggredih u mbagħad dar għall-imputat, filwaqt li Maria Agius daħlet fit-taqtigħa u bdiet tagħti lill-imputat f'wiċċu u f'saqajh. Dan ifisser illi l-verzjoni li Daniel Cassar ħareġ mill-vettura għaliex l-imputat kien qed isawwat lil Maria Agius, m'hijiex verosimili bħalma m'hijiex li titwemmen il-verżjoni li l-imputat beda jiġġieled magħhom.

Il-Qorti taqbel illi f'dan il-kwadru ta' fatti, l-imputat kien rinfaċċjat b'perikolu li mhux biss kien inġust, iżda kien ukoll attwali stante illi għalkemm l-imputat seta' raġjonevolment jantiċipa t-theddida ta' perikolu, din it-theddida saret attwali u istantanja meta Daniel Cassar wasal fuq il-post "*sparat*"[11] u "*gas down*" b'attitudni aggressiva u b'għajjat ta' theddid, lest għall-ġlied, tant illi ħebb għal missier l-imputat - li sadanittant kien qed jiġi aggredit minn Maria Agius - u spiċċaw jiġġieldu u jagħtu. Fil-fatt, meta ġie mistoqsi għaliex aggredixxa lil Daniel Cassar, l-imputat fl-istqarrija

[11] Ara stqarrija tal-imputat, kif ukoll ix-xhieda tiegħu u ta' Clayton u Joseph Coleiro.

tiegħu wieġeb illi kien Daniel Cassar innifsu li ġie għall-ġlied u heddu li kien ġej għalih biex jifqgħu u ġie wkoll biex jattakka lil missieru u għalhekk kellu jiddefendi lilu nnifsu kif ukoll lil missieru.

Il-Qorti fl-assjem tal-fatti li jirriżultaw mill-provi fehmet illi l-aggressjoni manifestata minn Daniel Cassar, u wkoll sa ċertu punt minn Maria Agius, ma setgħetx tiġi evitata ħlief b'rejazzjoni ta' ġlied da parti tal-imputat li kien, wara kollox, fil-mira aħħari tal-aggressjoni ta' Daniel Cassar. Il-Qorti tirravviża sitwazzjoni fejn l-imputat laqa' b'forza l-vjolenza u aggressivita' ta' Daniel Cassar, imġieba li kienet diretta fil-konfront ta' missieru u fil-konfront tiegħu nnifsu u li fiha nnifisha ħolqot, talanqas f'moħħ l-imputat, sitwazzjoni ta' perikolu jew minaċċja ta' perikolu li kellu jirrespinġiha. Fil-fatt, huwa risaput illi għad-determinazzjoni dwar jekk din id-difiża tissusistix, il-ġudikant irid japplika it-test soġġettiv.

Il-Professur Mamo, fin-Noti tiegħu, jgħid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Ingħad ukoll fir-rigward:-

*"Wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit."*[12]

Tqis ukoll li kien raġjonevoli għall-imputat, meqjus il-fatti kollha tal-każ, li ma jwarrabx minn fuq il-post billi per eżempju jidħol fir-residenza tiegħu biex jevita l-prospett ta' ħsara mnissel mill-imġieba ta' Daniel Cassar, u minflok jilqa' għal din l-aggressjoni. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li l-imputat aġixxa bi buon sens meta talab għall-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post biex iżommu l-buon ordni. Huwa

[12] **Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa.**

minnu li l-uffiċjali tal-Pulizija ma laħqux waslu fuq il-post fil-ħin, iżda l-fatt li l-imputat baqa' barra fit-triq u laqa' għall-aggressjoni ta' Daniel Cassar ma jfissirx li d-difiża in diżamina hija b'daqshekk, newtralizzata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tony Curmi et**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Ġunju 2017, ġie ritenut illi:-

*« ... fid-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea**[13], id-deċiżjoni li biddlet il-ħsieb tradizzjonali dwar din l-iskriminanti hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech** u fejn kien superjorment deċiż illi:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. ...*

...

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:* ***l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta',***

[13] Deċiża 14 ta' Ġunju 2018.

***billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`***.*"*[14] (emfasi ta' din il-Qorti)

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi l-Ispettur Stacy Gatt, meta xehdet in kontro-eżami affermat illi mill-investigazzjoni li għamlet ġie stabbilit bħala fatt li l-imputat kellu jidher quddiem il-Qorti l-għada tal-inċident f'proċeduri separati. Dan ikompli jafferma l-verżjoni tiegħu illi meta huwa wasal id-dar wara li mar jiġbor ħwejġu għall-Qorti mid-dar ta' Maria Agius, huwa sab żewġ Pulizija jistennewh biex jinnotifikawh in konnessjoni mal-imsemmija kawża l-għada u talabhom jistennew fuq il-post għall-buon ordni għaliex Daniel Cassar kien appena heddu li ġej għalih biex jiġġieled. **L-Uffiċjal Prosekutur xehdet illi dawn iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija kienu mill-Għassa ta' Tas-Sliema u kkonfermat li huwa minnu li huma ma setgħux jinstennew għaliex kellhom jirkorru fuq inċidentli kien seħħ fuq il-*flyover***. Għalkemm verament dawn iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija qatt ma xehdu quddiem il-Qorti f'din il-kawża biex kienu telqu minn fuq il-post, dan ma kienx nuqqas da parti tad-difiza għaliex jirriżulta li hija għamlet sforz biex tgħin lill-Pulizija u lill-Prosekuzzjoni tirrintraċċja dawn ix-xhieda fil-mori tal-proċeduri odjerni biex jixhdu in difesa, iżda mingħajr suċċess.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt, stabbilit mill-provi, illi meta ra li l-uffiċjali tal-Pulizija kellhom jitilqu minn fuq il-post qabel waslu Maria Agius u Daniel Cassar, missier l-imputat kien ċempel l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun biex jibagħtu uffiċjal tal-Pulizija fuq il-post biex iżomm il-buon ordni – **dan ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment tal-Qorti illi ma setgħetx kienet, raġjonevolment, l-intenzjoni tal-imputat li jisfida lil**

[14] Deciza 16/10/2003.

**Daniel Cassar għall-ġlied iżda minflok, huwa laqa' għall-aggressjoni tal-istess Daniel Cassar li fil-fehma tal-Qorti ma kienx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi jindaħal fil-kwistjoni bejn l-imputat u Maria Agius wisq inqas jinżel mill-karozza biex jiġġieled**.

Ikkunsidrat;

Iżda stabbilit dan kollu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi Daniel Cassar u Maria Agius entrambi rrapportaw u xehdu li wara li ħarġu mill-karozza tagħhom, raw lill-imputat joħroġ ħadida mill-karozza tiegħu, liema ħadida użah biex isawwathom biha. Fil-fatt, fl-istqarrija tiegħu, l-imputat ammetta li huwa qabad oġġett f'idu biex jagħti biha iżda saħaq li ramiha ħdejn l-iskips u ma użahx. Il-Qorti ma temminx din il-verżjoni, anke wara li rat in-natura tal-ġrieħi sofferti minn Daniel Cassar f'idu bħala riżultat tal-kollutazzjoni li kellu mal-imputat, liema grieħi huma kompatibbli mad-daqqiet li huwa xehed li qala' f'idu bil-ħadida li l-imputat kellu f'idu.

F'dan l-isfond, jeħtieġ li jigi kkunsidrat iktar fil-fond ir-rekwiżit tal-proporzjonalita` bħala waħda mill-elementi tad-difiża leġittima, fejn jeħtieġ li jkun hemm qies ta' bilanċ bejn il-gravita` tal-offiża u r-reazzjoni tal-imputat. Effettivament, sabiex l-imputat ikun jista' jiġi ġustifikat għal kollox fid-difiża leġittima, huwa ritenut illi huwa m'għandux jaddotta metodi li huma in eċċess jew sproporzjonati għall-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu. Wara kollox, għar-riskontru tal-eċċess tal-leġittima difiża, irid qabel xejn jiġi identifikat każ ta' leġittima difiża u fl-affermattiv, imbagħad il-Qorti trid tistabbilixxi jekk ir-reazzjoni kinitx waħda proporzjonata jew le għall-minaċċja: jekk jiġi konkluż li fil-każ in eżami m'hemmx leġittima difiża, wieħed ma jistax jitkellem dwar eċċess ta' leġittima difiża[15].

Fil-każ in diżamina, applikat dan l-insenjament għall-komportament sfidant u ġelliedi manifestat minn Daniel Cassar bit-theddid ta' ġlied fit-telefonata u bil-wasla provokattiva tiegħu fuq il-post, magħdud dan kollu l-aggressjoni fiżika tiegħu u ta'

[15] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Jannar, 2015, **Il-Pulizija v. Daniel Briffa**.

Maria Agius fil-konfront tal-imputat u missieru, il-Qorti tqis illi l-imputat ma rrejaġixxiex b'mod proporzjonat għall-perikolu li ġie rinfaċċjat bih – peress li ma jirriżultax li l-allegat vittmi kienu armati – iżda ma taqbilx li l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża b'daqshekk hija mxejna kompletament. Minflok, hija tal-fehma illi f'dan il-każ jeżistu l-estremi tal-eċċess fil-leġittima difesa min-naħa tal-imputat għaliex filwaqt illi ma kienx l-imputat li aggredixxa lill-vittmi iżda evidentement iddefenda ruħu mill-perikolu tal-imġieba aggressiva ta' Daniel Cassar fil-konfront ta' missieru u dik ta' Maria Agius fil-konfront tiegħu, il-mezzi impjegati minnu biex jilqa' għal u jirrespinġi l-perikolu ppreżentat minn din l-aggressjoni inġusta ma kienux strettament meħtieġa u in proporzjon mal-forza użata fuqu, tant illi Cassar u Agius sofrew ġrieħi f'idejhom filwaqt illi ma jirriżultax mill-provi illi l-imputat sofra xi ġrieħi identifikati u ċertifikati.

Huwa wkoll minnu li l-imputat ma marx jirrapporta lil Daniel Cassar u lil Maria Agius kif wieħed jistenna li kien jagħmel f'każ li ġie aggredit minnhom u jirriżulta li l-Pulizija kienu bagħtu għalih iktar tard bil-lejl wara li kienu rċevew ir-rapport tal-allegati vittmi. Madankollu, f'dan il-każ il-Qorti ma tqisx li dan in-nuqqas huwa fatali għat-teżi tad-difiza u ma tnaqqasx mill-fehma tagħha dwar kif seħħew il-fatti tal-kollutazzjoni bejn il-partijiet. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat kien diġa' talab liż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li ġew jakkumpajnawh quddiem il-Qorti fil-kawża li kellu l-għada, biex jibqgħu fuq il-post kif ukoll li missier l-imputat ċempel lill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun – kemm hu hekk jirriżulta li l-Għassa tal-Ħamrun kienet ġiet mgħarrfa b'telefonata li kien hemm ġlieda[16] iżda damu ma waslu fuq il-post għaliex kienu qed jinvestigaw każ ieħor. Dawn il-fatti jinnewtralizzaw il-konsegwenzi tal-ħsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali[17] fil-kawża **Il-Pulizija vs Emmanuele Sammut** deċiża nhar il-31 ta' Jannar 1949, fejn l-Imħallef William Harding stqarr il-konsiderazzjoni segwenti : *(a) Partikolarment f'imputazzjonijiet ta' reati kontra l-eghmil xieraq l-ilment ("complaint") li jsir fl-ewwel*

[16] Ara xhieda ta' PC 47 Bernard Briffa, xhieda tas-6 ta' Mejju 2021.
[17] Sede appell inferjuri.

*opportunita wara l-fatt ghandu importanza bhala konferma tal-konsistenza tar-rakkont tal-prosekutriċi."*

Fil-fatt, id-difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni qanqal b'mod sussidjaru l-iskuzanti tal-eċċess tal-leġittima difiża u dan kif hemm maħsub fl-Artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali u sottometta li jekk fil-fatti tal-każ kif jirriżultaw mill-provi ma jinkwadrawx l-elementi kollha tal-leġittima difesa, l-imputat xorta waħda għandu jibbenefika mill-iskużanti tal-eċċess tal-leġittima difiża kif maħsub fl-artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Dan jipprovdi:

"*L-omiċidju volontarju hu skużabbli : jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:*

*Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.*"

Din l-iskużanti tgħodd għall-offiża volontarja fuq il-persuna bl-applikazzjoni tal-Artiklu 230(d) tal-Kap. 9.

Kif diġa' stabbilit, iċ-ċirkostanzi tal-każ juru illi l-imputat beża' mill-aġir ta' Daniel Cassar tant illi waqt l-interrogazzjoni huwa stqarr illi qabad oġġett biex jagħti bih għaliex "*dak il-ħin kont imfixkel*": kemm hu hekk, il-fatti juru li kif ħareġ mill-karozza tiegħu Daniel Cassar mar dritt għal fuq missier l-imputat, anzjan ta' iktar minn sebgħin sena, biex jiġġieled miegħu biss għaliex ipprova jwaqqfu milli jiġġieled, filwaqt li dak il-ħin Maria Agius kienet qed tagħti lill-imputat f'wiċċu u tiġbdilu xagħru "*biex taljenani*". Magħdud dan, il-biża' li ħass l-imputat rinfaċċjat bit-theddida ta' ġlied da parti ta' Daniel Cassar, huwa ravviżabbli wkoll fil-fatt illi huwa talab liż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija jibqgħu fuq il-post bħala deterrent. Fl-assjem ta'

dawn iċ-ċirkostanzi, fejn kien evidenti li kien hemm perikolu imminenti ta' ħsara inġusta, il-Qorti tqis li huwa raġjonevoli l-verżjoni tal-imputat li huwa eċċeda l-limiti tad-difiża leġittima għaliex beża''.

Għaldaqstant, filwaqt li huwa ppruvat li l-imputat ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq Daniel Cassar u Maria Agius fil-kollutazzjoni li seħħet fit-28 ta' Settembru 2020, ir-reat huwa wieħed skużabbli, li jfisser li l-imputat sejjer jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 221, bl-aggravanti taħt l-Artikolu 202(h)[18] fir-rigward tal-offiża kkaġunata lil Maria Agius, iżda mhux sejjer jingħata ebda piena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 233(2) tal-Kap. 9 anke għaliex ma ġiex ippruvat li l-offiżi li wettaq l-imputat ġew ikkaġunati bi strument li jaqta' jew iniggeż jew b'arma regolari jew b'xi sustanza bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi mixli li inġurja jew hedded lil Maria Agius u Daniel Cassar. Il-Qorti temmen illi l-imputat kien hedded lil Maria Agius fuq it-telefon fejn qalilha li ser "*jiskarnalha għonqha*"[19], liema theddida x'aktarx ixprunat rejazzjoni aggressiva – iżda kompletament esaġerata u barra minn lokha - da parti ta' Daniel Cassar. Iżda ma hemm ebda prova li l-imputat hedded lil Daniel Cassar u **fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Daniel Cassar imkien ma qal li huwa ġie mhedded jew inġurjat mill-imputat**.

Il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lanqas il-ħtija tal-imputat għaar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 għaliex ħadd ma xehed li l-imputat qal kliem oxxen jew dagħa fil-pubbliku: bil-kontra, jekk kellu jirriżulta li xi ħadd qal kliem oxxen jew dagħa fil-pubbliku, huwa Daniel Cassar u mhux l-imputat.

Ikkunsidrat;

---

[18] Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9.
[19] Daniel Cassar xehed li huwa sema' lill-imputat jgħid lil Maria Agius li "ser iħanxrilha għonqha".

L-imputat qiegħed mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Din il-kontravvenzjoni hija dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio Galea**[20], intqal li biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Il-Qorti diġa' deċidiet illi huwa ppruvat sodisfaċjentment illi l-imputat laqat lil Maria Agius u lil Daniel Cassar b'oġġett iebes u dan l-aġir fih innifsu, anke jekk twettaq matul kollutazzjoni fejn l-imputat kien rinfaċċjat b'aġir aggressiv da parti tal-vittma u aġixxa għad-difiża leġittima tiegħu u ta' missieru, kien aġir eċċessiv li bla dubju, anke oġġettivament, ikun xpruna fil-vittmi ċertu qies ta' tħassib għall-inkolumita' tagħhom. Għaldaqstant, għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Ir-raba' akkuża, li taddebita lill-imputat id-delitt taħt l-Artikolu 251 tal-Kap. 9, hija fil-fehma tal-Qorti, manifestament bla bażi. Ma hemm xejn la fix-xhieda ta' Maria Agius u lanqas fix-xhieda ta' xi xhud ieħor imressaq mill-Prosekuzzjoni, li tagħti x'tifhem imqar li l-imputat uża vjolenza fil-konfront tal-istess Maria Agius u Daniel Cassar biex jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa. Il-vjolenza li adopera l-imputat fil-konfront ta' dawn il-persuni intużat biss, kif stabbilit diġa' eżawrjentement, biex jilqa' għall-aggressjoni tagħhom infushom u ma inġiebet l-ebda prova li huwa ġiegħelhom bl-użu ta' din il-vjolenza jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa. Wisq inqas huma

[20] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.

ppruvati l-elementi tar-reat konsistenti fl-użu ta' vjolenza sewwasew biex il-vittma tar-reat tiġi iżolata jew biex jitnaqqsu l-abilitajiet tagħha jew jiġi limitat l-aċċess tagħha għal flus, edukazzjoni jew impieg u l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni qatt ma messet xliet lill-imputat b'dan id-delitt għaliex l-ebda wieħed mill-elementi materjali u formali tad-delitt ma jsibu riskontru, lanqas sal-grad tal-possibbli, fil-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat li kkommetta wkoll ir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Maria Agius. Reat li bħalma huwa paċifikatament stabbilit fil-ġurisprudenza in materja, għal sejbien ta' ħtija jeħtieġ prova ta' kondotta ripetuta da parti tal-aġent tar-reat - u mhux inċident iżolat. Kondotta li hija maħsuba biex tikkaġuna, u effettivament tikkaġuna, fis-soġġett passiv tar-reat, allarm u biża' riskontrabbli soġġettivament jew oġġettivament, li sejjer jintuża vjolenza kontriha jew kontra xi persuni oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 251B jew kontra l-proprjeta' tagħha.

L-imputat ġie mixli li wettaq dan ir-reat nhar it-28 ta' Settembru 2020 bejn 20:40hrs u 21:30hrs, u /jew ħinijiet ta' qabel, ġewwa Triq is-Sewwieqa, Ħamrun, u/jew f'dawn il-Gżejjer.

Mill-provi jirriżulta illi effettivament, l-inċident li seħħ quddiem ir-residenza tal-imputat ġewwa Triq is-Sewwieqa, Ħamrun, senjatament l-użu ta' oġġett iebes da parti tal-imputat biex jirrespinġi l-aggressjoni ta' Maria Agius u Daniel Cassar, seta' oġġettivament qanqal biża' li sejjer jintuża vjolenza kontrihom, tant illi effettivament intużat din il-vjolenza. Izda kif diġa' ġie deċiż, din il-vjolenza għad illi ma kienetx proporzjonata għall-perikolu rinfaċċjat mill-imputat minħabba l-aggressjoni ta' Maria Agius u Daniel Cassar, ma kienetx maħsuba biex tqanqal dik il-biża' iżda biex tirrespinġi l-aggressjoni tagħhom.

Jingħad illi għar-reita' taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat illi l-aġent tar-reat kellu l-*mens rea* li jikkaġuna biza' fis-soġġett passiv li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna jew il-proprjeta` tiegħu iżda f'dan il-każ, u fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, il-Qorti tqis li huwa kompletament mankanti fl-imputat l-element formali ta' dan ir-reat.

Fir-rigward l-episodji l-oħra kollha li xehdet dwarhom Maria Agius, hija stess fissret li dawn kienu ġraw ġimgħa u snin qabel: dan ifisser li anke jekk il-kondotta tal-imputat f'dawk l-okkażjonijiet, kif ġie deskritt fix-xhieda tagħha, seta' effettivament ġiegħel lil Maria Agius tibża' li huwa ser juża vjolenza fil-konfront tagħha, il-fatti relattivi seħħew f'perijodu ta' żmien li ma jiffigurax fiż-żmien imsemmi fiċ-Ċitazzjoni bħala ż-żmien tal-kommissjoni tar-reat.  Kif rajna, l-imputat ġie mixli biss b'reati li ġew allegatament kommessi fit-28 ta' Settembru 2020.

Barra minn hekk, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-aġir tal-imputat matul l-inċident tat-28 ta' Settembru 2020, jinkwadra fl-aġir li l-liġi trid tippunixxi fl-Artiklu 251B tal-Kap. 9, xorta waħda hija nieqsa prova sodisfaċjenti, fil-grad li teħtieġ il-liġi, li seħħ episodju ieħor fil-parametri ta' żmien u lok imfissra fiċ-Ċitazzjoni, li tiffigura fih il-kondotta illegali punibbli taħt l-Artikolu 251B.  Huwa minnu li Maria Agius xehdet illi l-imputat heddidha ftit tal-ħin qabel waqt telefonata, li ser jiskarnalha għonqha, iżda dan it-theddid kien il-katalist li wassal għall-inċident li seħħ quddiem ir-residenza tal-imputat u ma kienx inċident separat u distint.  Minbarra dan, filwaqt illi oġġettivament, wieħed jista' jifhem li theddida bħal din tista' raġjonevolment tqanqal biża' fis-soġġett passiv li sejjer tintuża vjolenza fil-konfront tagħha, fil-każ in diżamina, din l-ipotesi hija kompletament imxejna mir-rejazzjoni ta' Maria Agius li mhux biss qatt ma xehdet li ħassitha mbeżża' b'din it-theddida u fil-fatt lanqas irraportat dan it-theddid lill-Pulizija fir-rapport li għamlet iktar tard dakinhar stess, talli telqet minnufih biex tmur fir-residenza tal-imputat akkumpanjata mis-sieħeb tagħha bil-ħsieb evidenti li jivvendikaw lill-imputat b'manifestazzjoni ta' aggressjoni, billi jqajmu l-inkwiet u billi jeħdulu t-tfal  **Din ir-rejazzjoni xejn ma tikkonvinċi lill-Qorti li Maria Agius beżgħet għas-sigurta' tagħha jew ħasset sensazzjoni ta'**

**allarm bit-theddida tal-imputat, tant illi kif waslet fuq il-post, dlonk ħebbet għall-imputat u bdiet tagħtih f'wiċċu u f'siequ**.

Għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 għaliex bosta mill-elementi kostituttivi tiegħu ma jirriżultawx ippruvati kif imiss.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx ħtija fl-imputat għar-reati addebitati fit-tieni imputazzjoni safejn tikkonċerna Daniel Cassar, u fir-raba', il-ħames u sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h), 221(1), 222(1)(a), 227(d), 230(d) u 232(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil ACHILLE COLEIRO ħati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni biss safejn tikkonċerna Maria Agius u tat-tielet imputazzjoni.**

**Iżda billi qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni sussidjarja tal-eċċess tal-leġittima difeża in kwantu għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni u għalhekk m'hi ser tagħti ebda piena, wara li rat l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta safejn għandhom x'jaqsmu l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, qiegħda tikkundanna lill-ħati *ammenda* ta' tmienja u ħamsin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23).**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex jinzamm il-buon ordni pubbliku u biex iżomm il-paċi ma' Maria Agius u Daniel Cassar u dan taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**